MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 170/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Pierre Micallef Grimaud)**
**Vs**
**Aldo Agius**

**Illum 22 ta' Frar, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-29 ta' April 2009, ghal habta tal-hdax ta' filghaxija (11:00pm) gewwa l-Floriana:

a) Bi vjolenza ikkometta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Daniela Magri;
b) Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Daniela Magri kontra l-volonta' taghha, u dan bhala mezz

biex tigi mgieghlha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l- misthija tas-sess taghha;
c) Ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Daniela Magri;
d) Hebb kontra l-persuna ta' Matthew Psaila sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmel hsara lill-istess persuna;
e) offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku;
f) Irrenda ruhu ricediv a tenur tal-artikoli 49 u 50 b'diversi sentenzi fosthom sentenza moghtija fit-12 ta' Jannar, 2009 mill-Magistrat Dr Giovanni Grixti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 207, 209, 86, 87(c), 221 u 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil-appellant , fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija w elf, mija w erba' w sittin Euro w disa' w sittin centezmi ta' Euro (€1164.69) multa.
Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtet lill-appellant b'obbligazzjoni personali ta' elfejn u tlett mitt Euro (€2300) li jzomm il-kwiet ma' Daniela Magri w Matthew Psaila ghal zmien sena.
Finalment il-Qorti fid-dawl ta' dak dikjarat b'verbal mill-Ufficjal Prosekutur u Dr. Mark Busuttil ghall-appellant inkwantu li qablu li l-appelland ghandu problema ta' alkoholismu, rrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li dan jara li l-appellant Aldo Agius jinghata l-ghajnuna li ghandu bzonn sabiex jeghleb il-problema li ghandu ta' alkoholismu u ghaldaqstant ordnat li kopja ta' din is-senetenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar l-imputazzjonijiet (a) (c) (d) u (f) u tirrevokaha dwar imputazzjoni (b) u (e) ghax komprizi w involuti fl-akkuza mmarkata bl-ittra (a) ta' l-attentat vjolenti ghall-pudur, anke bhala mezz ghall-fini, w tibdilha dwar il-piena billi

minflok il-piena nflitta taghti dik il-piena jew dak il-provvediment li aktar jaghmel ghall-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ccitat l-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali li huwa l-attentat vjolenti ghall-pudur, u li l-piena tieghu hija minn tlitt xhur sa sena. Hemm ukoll zieda jekk ikun hemm xi wiehed mill-kazijiet ta’ l-artikolu 202. L-unika ipotesi li tista’ tigi akkampata hija li jekk ikun hem persuna li fejn issofri offiza fuq il-persuna. F’dan il-kaz Matthew Psaila bl-ebda mod ma sofra xi hsara fuq il-persuna. L-Artikolu 209 citat mill-Qorti ma kienx applikabbli ghaliex dan l-artikolu japplika barra mill-kazijiet imsemmijin fl-artikolu ta’ qabel dan is-subartikolu. Allura la kienet qeghda tinstab htija taht l-artikolu 207 necessarjament l-artikolu 209 kien eskluz u dan b’riferenza ghall-akkuza (e);
Illi r-reati prospettati fl-artikolu 86 u 87 fil-fatt ma humiex ir-reati li manifestament kellu intenzjoni jaghmel l-appellant. Fil-kwadru tal-fatti ta’ kif graw l-affarijiet li huwa hareg idu u missilha sidirha waqt li kienet miexja ma jistax jinghad illi giet arrestata, mizmuma jew issekwestrata. Dan ir-reat illi kien f’post pubbliku fil-miftuh certament ma jistax ihalli li tinkwadra din l-ipotesi indipendenti. Fi kwalunkwe kaz dan kien mezz ghall-fini taht l-artikolu 207. l-uniku skop li ried jilhaq l-appellanti (xejn lodevoli) kien dak ta’ l-artikolu 207;
Illi ghandu jinghad ukoll illi l-artikolu citat 87C mhux dak prospettat fin-narrattiva ta’ l-akkuzi li kien jinkwadra taht l-artikolu 87(1G). Ic-citazzjoni ta’ l-artikolu hija assolutament zbaljata;
Illi l-Ewwel Qorti ma semghetx lill-parti civili. F’sentenza moghtija fuq kaz simili, fejn kienet appellat il-prosekuzzjoni, din il-Qorti kienet iddecidiet li f’kazijiet bhal dawn kellha tisma’ lill-parti civili, u dan ghar-raguni halli tara x’kien il-kwadru tal-fatti w b’hekk tista’ tikkalkula l-piena. Dan japplika ghaz-zewg nahat. Mhux kurzita’ ta’

x’gara w ma garax, imma l-fatti ghandu jkun quddiem il-Qorti. Sintomatiku f’dan il-kaz huwa li lanqas gie esebit statement tal-appellant.
Ghalhekk huwa fl-interess tal-gustizzja w ta’ dak li ndikat bhala opportun il-parti civili ghandha tinstema’ halli jigi konstat x’gara fil-fatt u ma sarx u b’hekk il-Qorti tkun f’qaghda li tizen ahjar dak li ghandu jsir f’kazijiet bhal dawn.

Ikkonsidrat :

Dan l-appell jidher li qed isir principalment fuq il-piena. L-appellant jidhirlu illi l-piena hija eccessiva wisq u l-Ewwel Qorti jmissha semghet xi xhud dwar l-entita’ tar-reat. Fi kliem iehor l-appellant qieghed jikkritika lill-Ewwel Qorti talli ma semghetx il-parti civili biex tara l-gravita’ o meno tal-att illi gie esegwit fuq il-konfront taghhom mill-appellant. Terga’ l-Avukat tal-appellant ilmenta illi dan ta’ l-ahhar ma nghatax zmien sabiex jikkunsidra l-ammissjoni tieghu.

Qabel ma’ l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-meritu, trid tiddisponi minn dan l-ahhar ilment u tara, jekk l-Ewwel Qorti kienitx proceduralment korretta meta l-akkuzat ammetta l-akkuzi quddiemha.

Ikkunsidrat :

Il-procediment kollu jinsab registrat fl-ewwel seduta tat-12 ta’ Mejju, 2009 fejn hemmhekk, wara li l-prosekuzzjoni talbet zieda tal-akkuza, l-imputat, tramite l-Avukat tieghu, ta ruhu b’notifikat bl-akkuzi kif mizjuda, w ezenta lill-prosekuzzjoni w lill-Qorti milli jigu ripetuti l-proceduri kollha li kienu saru sa dak il-hin. Sa hawn kollox korrett.

L-ufficjal prosekutur qara w halef l-akkuzi, sar l-ezami, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha kontra tieghu. F’dan l-istadju li l-Qorti wisset lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu w taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le. Wara li gie mistoqsi jekk

jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Hawnhekk jidher illi l-Ewwel Qorti osservat id-dettami tal-Ligi w tat lill-imputat iz-zmien kollu biex jikkunsidra l-ammissjoni tieghu. Dak inhar kellu wkoll l-assistenza tal-Avukat illi seta' f'dak l-intervall jikkonsulta mieghu. Ghalhekk proceduralment l-Ewwel Qorti kienet korretta meta l-imputat ghazel li jammetti l-akkuzi.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ilment principali tal-appellant, illi l-Ewwel Qorti jmissha semghet ix-xiehda biex tidditermina l-entita' tal-gravita' tar-reat, din il-Qorti jidhrilha li ladarba l-appellant ammetta fl-istadju bikri tal-kawza, w ladarba l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda raguni tajba sabiex tiddubita' jekk ir-reat in genere kienx gie tassew maghmul, jew jekk l-akkuzat hux hati tar-reat (Artikolu 453(2) Kap. 9), allura kif sewwa ghamlet l-Ewwel Qorti rregistrat it-twegiba w ghaddiet sabiex taghti lill-appellant dik is-sentenza illi ghandha tinghata skond il-Ligi kontra tieghu li jinsab hati tar-reat (Artikolu 453(1) Kap. 9).

Minn barra c-cirkostanza msemmija fl-artikolu 453(2) fuq imsemmija, l-Qrati taghna ziedu cirkostanza ohra meta jirrizulta illi l-imputat ma jkunx fehem in-natura tal-imputazzjoni jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu illi jammetti li hu hati ta' imputazzjoni.

Fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri" deciza 20.01.1995**, il-Qorti tal-Appell Kriminali sostniet "*fuq amissjoni tal-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghal kundanna tieghu, a meno che ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura tal-imputazzjoni, jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi, l-Qorti ma setghetx skond il-Ligi tikkundannah cioe' issib hati ta' reat".* **(**Ara wkoll **"Il-Pulizija vs George Cassar Di Sain" Vol. XLVI part IV page 991).**

Ghalhekk ladarba l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda raguni tajba (sottolinear tal-Qorti) sabiex tiddubita jekk ir-reat kienx tassew maghmul, jew li l-imputat ma kienx fehem in-natura tal-imputazzjoni, jew ma kienitx l-intenzjoni tieghu illi jammetti li huwa hati, allura f'dan il-kaz ma kellhiex triq ohra hlief illi tghaddi ghall-kundanna tal-imputat.

Il-Qorti tirrileva wkoll illi rrizulta mill-atti illi wara l-ammissjoni tal-imputat xehed l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud. Veru illi f'din ic-cirkostanza l-Ispettur ipprezenta biss zewg dokumenti, pero' jidher li inghata l-opportunita' ghal kontro ezami illi pero' ma giex milqugh peress illi d-difiza kienet iddikjarat illi m'ghandhiex domandi x'taghmel.

Ghalhekk f'dan il-kaz, aktar u aktar l-Qorti kellha kull ragun illi tghaddi ghas-sentenza.

Il-Qorti fliet is-sentenza tal-Ewwel Qorti w issib illi m'hemm xejn x'ticcensura fih.

L-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri izda rat ukoll il-fedina penali xejn felici tieghu w kien abbazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet illi kkundannat lill-imputat ghal piena komplessiva ta' sentejn prigunerija w multa ta' €1164.69.

Din il-kundanna w multa qeghda fil-parametri tal-ligi w ladarba l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal din il-konkluzjoni mhux il-kaz illi s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-istess rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin kif imsemmi fl-ahhar paragrafu tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------